**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 17 ta' Ottubru 2024**

Rikors Numru: 12/24 AL

A B

vs

C D E F

(M.R. Numru 1951/1994)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

1. Illi l-kontendenti iżżewġu nhar l-erbatax ta' Ottubru tas-sena elf disgħa mija erbgħa u disgħin (14/10/1994) ġewwa r-Registru Pubbliku ta' Malta, iċ-ċertifikat taż-żwieġ bin-numru progressiv 1951/1994 anness u mmarkat bħala Dok RC1.

2. Illi għal kull buon l-intimat kien qabel magħruf bl-ewwel isem 'G' u permezz ta' sentenza tal-Qorti ta' nhar il-25 t'Awwissu 2000 hu ġie legalment rikonoxxut bl-isem 'Hamido' u dan kif indikat fuq l-istess certifikat taz-zwieġ.

3. Illi minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx ulied.

4. Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl- Atti tan-Nutar Dr Marco Burlo` nhar it-tlettax ta' Mejju tas-sena elf disgħa mija sebgha u disghin (13/05/1997) kopja tiegħu annessa u mmarkat bħala DokRC2.

5. Illi m' hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi llum il-ġurnata huma legalment isseparati u għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.

6. Illi l-partijiet fl-istess kuntratt ta' separazzjoni kienu rrinunzjaw reciprokament mid- dritt li jirċievu jew jitolbu manteniment mingħand xulxin.

7. Illi b'hekk m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti mir-rikorrenti lill-intimata.

8. Illi dawn il- fatti kollha fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l- Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal- Liġijiet ta' Malta kif emendati bl- Att XXV tal-2021.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi ż-żwieġ bejn il-kontendenti li ġie ċċelebrat nhar l-erbatax ta' Ottubru tas- sena elf disgha mija erbgħa u disghin (14/10/1994) huwa mahlul u għalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex entro t-terminu iffissat mill-istess Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, kif ukoll li

jagħmel id-debita korrezzjoni fuq iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-kontendenti li jgib in-numru progressiv 1951/1994.

U dan taht dawk il- provvediment li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-31 ta' Jannar, 2024;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx ghas-seduta u ma pprezentax risposta.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta' Mejju 1997;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.